## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Jannar 2016 – BR IP Holder vs UASI – Greyleg Investments (HOKEY POKEY)

**(Kawża T-62/14)** ([1])

***[“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali HOKEY POKEY — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti mhux irreġistrata — Prova tal-użu — Dritt ta' projbizzjoni tal-użu tat-trade mark li saret l-applikazzjoni għaliha — Artikolu 8 (4) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Dritt ta' Stat Membru — Obbligu ta' motivazzjoni — Konstatazzjoni ex officio”]***

(2016/C 090/20)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* BR IP Holder (Canton, Massachusetts, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: F. Traub, avukat, u C. Rohsler, Solicitor)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: I. Harrington, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI:* Greyleg Investments Ltd (Baltonsborough, ir-Renju Unit)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tat-22 ta' Novembru 2013 (Każ R 1091/2012-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn BR IP Holder LLC u Greyleg Investments Ltd.

### Dispożittiv

1) *Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tat-22 ta' Novembru 2013 (Każ R 1091/2012–4) hija annullata.*

2) *L-UASI għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti minn BR IP Holder LLC.*

([1]) ĠU C 142, 12.5.2014.

---

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Jannar 2016 – DF vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-782/14 P)** ([1])

***(“Appell — Servizz Pubbliku — Uffiċjali — Remunerazzjoni — Kollokament fl-interess tas-servizz — Allowance tal-espatrijazzjoni — Kundizzjoni prevista fl-Artikolu 4(1)(b) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal — Irkupru tal-ammonti mħallsa indebitament”)***

(2016/C 090/21)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Appellant:* DF (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: A. von Zwehl, avukat)

*Appellata:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u T. Bohr, aġenti)

### Suġġett

Appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tielet Awla), tal-1 ta' Ottubru 2014, DF vs Il-Kummissjoni (F-91/13, ĠabraSP, EU:F:2014:228), u intiż għall-annullament parzjali ta' din is-sentenza.

**Dispożittiv**

1) *L-appell huwa miċħud.*

2) *DF għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea fil-kuntest ta' din l-istanza.*

(1) ĠU C 89, 16.3.2015.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Jannar 2016 – Laboratories Ern vs UASI – michelle menard (Lenah.C)**

**(Kawża T-802/14)** (1)

***["Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali Lenah.C — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti LEMA — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009"]***

(2016/C 090/22)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Laboratorios Ern, SA (Barcelona, Spanja) (rappreżentanti: S. Correa Rodriguez, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: S. Bonne, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI:* michelle menard GmbH – Berlin cosmetics (Berlin, il-Ġermanja)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tal-24 ta' Settembru 2014 (Każ R 2260/2013-4), rigward proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Laboratorios Ern, SA u michelle menard GmbH – Berlin cosmetics.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Laboratorios Ern, SA hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 46, 9.2.2015.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Jannar 2016 – Rod Leichtmetallräder vs UASI – Rodi TR (ROD)**

**(Kawża T-75/15)** (1)

***["Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark Komunitarja figurattiva ROD — Trade marks nazzjonali figurattivi preċedenti RODI — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) u Artikolu 53(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Proċedimenti ta' oppożizzjoni preċedenti — Regola 39(3) tar-Regolament (KE) Nru 2868/95"]***

(2016/C 090/23)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Rod Leichtmetallräder GmbH (Weiden in der Oberpfalz, il-Ġermanja) (rappreżentanti: J. Hellenbrand u J. Biener, avukati)